Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' April 2025**
**(OR. en)**

**12799/24**

**PUBLIC 106**
**INF 206**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - SETTEMBRU 2022 |

Dan id-dokument jelenka l-atti[1] adottati mill-Kunsill f'Settembru 2022.[2][3]

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- referenza għall-minuti tas-sessjoni tal-Kunsill meta l-att ikun ġie adottat.

1 Għal referenza faċli, it-"titoli qosra" kif imsemmijin fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara t-test bil-korsiv).

2 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'ambitu limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ dment li ma jkunux adottati permezz ta' proċedura bil-miktub.

3 Fil-każ ta' atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġiżlattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġiżlattivi adottati bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew, kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll mis-sit web tal-Kunsill fuq:
Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fuq: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium.

Jekk ma jkunux disponibbli direttament, tista' ssir talba għal aċċess għal dokumenti fuq:
https://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/request-document-form/

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli mis-sit web tal-Kunsill fuq:
Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'SETTEMBRU 2022 | |
|---|---|
| **It-3893 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) li saret Brussell fid-9 ta' Settembru 2022** (Minuti: 12288/22 + ADD1) | |
| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ma' New Zealand dwar il-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni*<br>*u dwar l-assoċjazzjoni tagħha ma' Orizzont Ewropa*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1527 tad-9 ta' Settembru 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati ma' New Zealand għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' New Zealand fil-programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni ta' New Zealand ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)<br>ĠU L 237, 14.9.2022, p. 18–18 | 11439/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim mal-Kanada dwar il-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tagħha ma' Orizzont Ewropa*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1526 tad-9 ta' Settembru 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Kanada għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Kanada ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027)<br>ĠU L 237, 14.9.2022, p. 17–17 | 11436/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-ftehim dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi mal-Federazzjoni Russa*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1500 tad-9 ta' Settembru 2022 dwar is-sospensjoni totali tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa<br>ĠU L 234I, 09/09/2022, p. 1–3 | 12039/22 |
| *Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1507 tad-9 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 32 | 11431/22 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1501 tad-9 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 1–3 | 11433/22 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1505 tad-9 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/392/PESK dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 28–29 | 11199/22 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1509 tad-9 ta' Settembru 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 35 | 11546/22 + ADD1 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1502 tad-9 ta' Settembru 2022 li jimplimenta l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 4–5 | 11548/22 + ADD1 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea biex tappoġġa l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex jittejjeb it-tixrid ta' informazzjoni dwar miżuri restrittivi tal-Unjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1506 tad-9 ta' Settembru 2022 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea biex tappoġġa l-iżvilupp ta' għodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni biex jittejjeb it-tixrid ta' informazzjoni dwar miżuri restrittivi tal-Unjoni<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 30–31 | 11231/22 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1510 tad-9 ta' Settembru 2022 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 37 | 11805/22 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1503 tad-9 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 6–18 | 11807/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1508 tad-9 ta' Settembru 2022 dwar l-ilqugħ temporanju ta' ċerti Palestinjani minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 235, 12.9.2022, p. 34–34 | 11541/22 |

| | |
|---|---|
| **It-3894 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fl-20 ta' Settembru 2022** (Minuti: 12847/22 + ADD1REV1) | |
| ATTI LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Deċiżjoni li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna*<br>Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201<br>ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1–13 | 49/1/22 REV 1 |
| *Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 4/2022: Aġġornament tad-dħul*<br>Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 għall-baġit ġenerali għall-2022: Aġġornament tad-dħul wara l-previżjoni riveduta tar-riżorsi proprji u dħul ieħor u aġġustamenti tekniċi oħra | 12093/22 |
| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1640 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward tal-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank<br>ĠU L 247, 23.9.2022, p. 72–73 | 11879/22 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1633 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1343 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Repubblika tal-Bulgarija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19<br>ĠU L 245, 22.9.2022, p. 52–55 | 11991/22 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen – l-Irlanda: kooperazzjoni tal-pulizija*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tal-Irlanda fl-issodisfar tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija | 11954/22 |

| | |
|---|---|
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen – l-Italja: kooperazzjoni tal-pulizija*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Italja tal-2021 dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija | 11956/22 |
| *Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen – in-Netherlands: protezzjoni tad-data*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tan-Netherlands dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data | 11958/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas bejn l-UE u l-Awstralja*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1664 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Awstralja, min-naħa l-oħra<br>ĠU L 255, 3.10.2022, p. 1 | 11886/22 |
| *Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1626 tal-20 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 244, 21.9.2022, p. 17 | 12072/22 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1621 tal-20 ta' Settembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 244, 21.9.2022, p. 1–2 | 12081/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli dwar ir-riorganizzazzjoni tal-istrutturi tal-maniġġar ċivili ta' kriżijiet fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-rigward tal-funzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għal missjonijiet ta' maniġġar ċivili ta' kriżijiet*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1625 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli dwar ir-riorganizzazzjoni tal-istrutturi tal-maniġġar ċivili ta' kriżijiet fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fir-rigward tal-funzjoni tal-Kmandant tal-Operazzjoni Ċivili għal missjonijiet ta' maniġġar ċivili ta' kriżijiet<br>ĠU L 244, 21.9.2022, p. 15–16 | 11588/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fit-tmien Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewrasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 tal-Ftehim (AEWA)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1850 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewrasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 għall-Ftehim<br>ĠU L 257, 5.10.2022, p. 6–7 | 11609/22 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt - Żvizzera - Kollegament tal-ETS (li temenda l-Annessi III u IV tal-Ftehim)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1660 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom fir-rigward tal-emendar tal-Annessi III u IV tal-Ftehim (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)<br>ĠU L 250, 28.9.2022, p. 6–13 | 11571/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regolamenti riveduti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1912 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tar-Regolamenti riveduti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu<br>ĠU L 261, 7.10.2022, p. 48–52 | 11265/1/22 REV1 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1032 dwar il-ħżin tal-gass fl-acquis tal-Komunità tal-Enerġija*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1842 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tal-Enerġija rigward l-inkorporazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħżin tal-gass fl-acquis tal-Komunità tal-Enerġija<br>ĠU L 254, 3.10.2022, p. 43–55 | 12060/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE dwar l-emendi għall-Anness I tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Korp Governattiv tat-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura fir-rigward tal-emendi għall-Anness I għal dak it-Trattat | 12102/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1643 tal-20 ta' Settembru 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha<br>ĠU L 248, 26.9.2022, p. 1–2 | 8896/22 |

| **It-3895 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fis-26 ta' Settembru 2022**<br>(Minuti: 12807/22 + ADD1) | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward l-emendi għall-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u bil-Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1663 tas-26 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti annessi mal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)<br>ĠU L 250, 28.9.2022, p. 19–22 | 12123/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi UE-Ċina fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu*<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1677 tas-26 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar il-kooperazzjoni b'rabta ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u l-protezzjoni tagħhom, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt<br>ĠU L 252, 30.9.2022, p. 64 | 11862/22 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1662 tas-26 ta' Settembru 2022 li tawtorizza lill-Portugall japplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-magni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE<br>ĠU L 250, 28.9.2022, p. 17–18 | 12099/22 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Ġermanja testendi deroga tal-VAT*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1661 tas-26 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/677/UE li tawtorizza lil-Lussemburgu biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 250, 28.9.2022, p. 14–16 | 12089/22 |

| | |
|---|---|
| *Ftehim mal-Istati Uniti rigward il-modifiki tal-kwoti tariffarji tal-UE fl-iskeda tad-WTO wara l-Brexit*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1665 tas-26 ta' Settembru 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 251, 29.9.2022, p. 1 | 11722/22 |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 119, 5.5.2023, p. 3–19 | 11724/22 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/912 tal-25 ta' April 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 119, 5.5.2023, p. 1 | 11723/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-flussi transfruntiera ta' data fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Ġappun*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-flussi transfruntiera ta' data fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika | 12259/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill b'appoġġ taċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1654 tas-27 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2018/1788 b'appoġġ għaċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC) għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Reġjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi fil-Balkani tal-Punent<br>ĠU L 249, 27.9.2022, p. 45–46 | 12129/22 |

| **It-3896 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Suq Intern, Industrija) li saret fi Brussell fid-29 ta' Settembru 2022** (Minuti: 13066/22 + ADD1) | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1846 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius<br>ĠU L 256, 4.10.2022, p. 3–4 | 5657/22 |
| *Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ir-raba' emenda)*<br>Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1670 tad-29 ta' Settembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/109 li jistabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni<br>ĠU L 252, 30.9.2022, p. 1–3 | 12383/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regolamenti riveduti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1912 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu fir-rigward tar-Regolamenti riveduti għall-Persunal tan-Navigazzjoni fuq ir-Renu<br>ĠU L 261, 7.10.2022, p. 48–52 | 11265/1/2022 REV1 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit mill-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1932 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-CTC stabbilit permezz tal-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura komuni ta' tranżitu fir-rigward tal-emendi għal dik il-Konvenzjoni<br>ĠU L 266, 13/10/2022, p. 17–18 | 12352/22 |

| | |
|---|---|
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-kumitat konġunt bejn l-UE u l-Mongolja dwar grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1851 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Mongolja, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma speċjalizzat dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp<br>ĠU L 257, 5.10.2022, p. 8–9 | 12066/22 |
| AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI – Applikazzjoni konfermatorja Nru 14/c/01/22 | 11843/22 |
| *Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq petrol, fuq gażojl mhux immarkat, u fuq fjuwils ekwivalenti użati bħala fjuwils tal-magni*<br>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1843 tad-29 ta' Settembru 2022 li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq petrol, fuq gażojl mhux immarkat, u fuq fjuwils ekwivalenti użati bħala fjuwils tal-magni, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE<br>ĠU L 254, 3.10.2022, p. 56–57 | 12101/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen (UNVIM)*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1682 tal-29 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1465 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Mekkaniżmu ta' Verifika u Spezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Jemen<br>ĠU L 252, 30.9.2022, p. 76–77 | 12389/22 |
| *Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1910 tad-29 ta' Settembru 2022 dwar il-konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992<br>*ĠU L 261, 7.10.2022, p. 1–5* | *7978/22* |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-1 ta' Settembru 2022** | **CM 4139/22** |
|---|---|
| *Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1447 tal-1 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 227I, 1.9.2022, p. 4–5 | 11825/22 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1446 tal-1 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 227I, 1.9.2022, p. 1–3 | 11827/22 |
| Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1447, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1446 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna 2022/C 335/04<br>ĠU C 335, 2.9.2022, p. 5 | CM 4138/22 |
| Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1447, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1446 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 335, 2.9.2022, p. 3 | CM 4138/22 |
| Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 335, 2.9.2022, p. 6 | CM 4138/22 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fis-6 ta' Settembru 2022** | **CM 4262/22** |
| --- | --- |
| Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2023 | 11075/22 + COR 1 |
| **Dikjarazzjoni dwar il-pagamenti**<br>Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-programmi tal-Unjoni, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u attivament, matul is-sena 2023, l-implimentazzjoni tal-programmi tal-QFP attwali u preċedenti (b'mod partikolari taħt is-subintestatura 2a u Żvilupp Rurali). Għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta b'mod f'waqtu ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2023 (filwaqt li tqis, fejn applikabbli, l-akkuratezza tal-previżjonijiet imtejba tal-Istati Membri). Jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2023 ma jkunux suffiċjenti biex ikopru l-ħtiġijiet ġustifikati, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-awtorità baġitarja tkun tista' tieħu kwalunkwe deċiżjoni neċessarja kemm jista' jkun malajr mingħajr dewmien bla bżonn għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Kunsill ser jieħu kont tal-urġenza tal-kwistjoni, u jnaqqas il-perjodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika *mutatis mutandis* jekk iċ-ċifri juru li l-approprjazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2023 ikunu ogħla minn kemm ikun meħtieġ.<br>Il-Kunsill ser jeżamina bir-reqqa l-ittra emendatorja li tikkonċerna l-agrikoltura (li tinkludi informazzjoni dwar id-dħul assenjat) sabiex jivvaluta kif xieraq il-livell ta' riżorsi taħt l-intestatura 3 *(Riżorsi naturali u ambjent)* fil-baġit għall-2023. | 11075/22 ADD1 REV1 |
| **Dikjarazzjoni dwar l-elementi li ma ġewx ikkunsidrati meta ġiet stabbilita l-pożizzjoni tal-Kunsill**<br>Il-Kunsill jinnota li ser jevalwa mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu fid-dawl tal-informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta fl-ittra emendatorja, filwaqt li jqis is-sitwazzjoni attwali u sfidi possibbli oħra mhux previsti li jistgħu jinqalgħu. Minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali, ser tingħata attenzjoni speċjali lill-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament bħall-FAST-CARE.<br>B'mod partikolari, il-Kunsill jinnota l-inċertezzi u l-konsegwenzi prevalenti tal-gwerra fl-Ukrajna li teħtieġ assistenza mill-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-kriżi għandha impatt fuq is-sigurtà tal-ikel fil-viċinat tan-Nofsinhar.<br>Fid-dawl tar-rati tal-imgħax li qed jiżdiedu, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tapplika approċċ prudenti bbażat fuq il-ħtiġijiet reali fil-ħruġ tad-dejn tagħha fit-tieni nofs tal-2022, biex b'hekk tillimita l-kostijiet tal-imgħax li għandhom jitħallsu mill-baġit tal-UE fl-2023 u fis-snin li ġejjin.<br>F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-informazzjoni meħtieġa mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-21 ta' Settembru 2022, sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja u biex tiġi żgurata l-adozzjoni f'waqtha tal-baġit għall-2023. | 11075/22 ADD1 REV1 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 241**<br>Il-Kunsill jinnota li, fl-ambjent inflazzjonarju attwali mingħajr preċedent, il-metodu attwali ta' aġġornamenti awtomatiċi fis-salarji jqiegħed piż mhux sostenibbli fuq in-nefqa amministrattiva fl-intestaturi kollha. Skont l-ipprogrammar finanzjarju aġġornat, iż-żieda fis-salarji prevista fl-2022 ser tirriżulta fi ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali sinifikanti fl-intestatura 7, mhux biss fl-2022 u l-2023, iżda wkoll fis-snin futuri taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, li jaqbżu l-limiti massimi ta' din l-intestatura. Żidiet futuri fis-salarji ogħla minn 2 % ser ikomplu jaggravaw din is-sitwazzjoni. Jekk ma tittieħed l-ebda miżura ta' kumpens, dan l-iżvilupp ikun jeħtieġ il-mobilizzazzjoni ta' strumenti speċjali li altrimenti jkunu disponibbli għall-finanzjament ta' ċirkostanzi mhux previsti (bħall-konsegwenzi diretti u indiretti tal-gwerra fl-Ukrajna). Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-BĊE esprimew ripetutament tħassib li l-indiċjar awtomatiku tal-pagi fl-Istati Membri jista' jwassal għal effetti indiretti li jistgħu jagħmlu xokk inflazzjonarju aktar persistenti, li bħala riżultat jista' jwassal għal deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-UE.<br>F'dan il-kuntest, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE u sa tmiem Settembru 2022, biex tevalwa l-effetti u s-sostenibbiltà tal-aġġornament awtomatiku fis-salarji f'ambjent ta' inflazzjoni għolja u biex tippreżentalu kwalunkwe proposta adatta biex tittaffa l-pressjoni fuq in-nefqa amministrattiva. L-elementi li għandhom jitqiesu fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni jistgħu jinkludu iżda m'għandhomx ikunu limitati għal:<br>• sospensjoni ta' darba tal-aġġornament annwali tar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra, filwaqt li jiġu rikonoxxuti d-drittijiet miksuba;<br>• miżuri konkreti biex tiġi kkontrollata n-nefqa mhux relatata mas-salarji, bħal fl-oqsma tal-konsum tal-enerġija fil-bini, il-kostijiet tal-missjonijiet jew oqsma simili (f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew b'rabta mal-QFP);<br>• id-daqs u t-tul ta' żmien tal-allowances;<br>• l-adegwatezza tas-sistema tat-taxxa;<br>• l-espansjoni u l-estensjoni tal-imposta ta' solidarjetà;<br>• l-introduzzjoni tat-tielet mekkaniżmu ġdid fl-Anness XI tar-Regolament tal-Persunal (flimkien mal-klawżola ta' moderazzjoni u l-klawżola ta' eċċezzjoni) biex jitqiesu kif xieraq il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' ambjent ta' inflazzjoni għolja.<br>jew kwalunkwe miżura xierqa oħra fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u s-sostenibbiltà tan-nefqa amministrattiva fil-QFP, fi żmien xieraq biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jeżaminawhom u jadottawhom flimkien mal-ittra emendatorja għall-baġit tal-UE għall-2023 bil-għan li jiġu adottati qabel tmiem l-2022.<br>Mingħajr preġudizzju għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill ifakkar li l-Kunsill Ewropew ikkonkluda f'Lulju 2020 li ma għandu jkun hemm l-ebda rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP għall-2021-2027. | 11075/22 ADD1 REV1 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni dwar it-taqsima tal-baġit tal-Parlament Ewropew stess**<br>Il-Kunsill jissottolinja li l-limitu massimu għall-intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 huwa bbażat fuq il-premessa li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jadottaw approċċ komprensiv u mmirat għall-istabbilizzazzjoni tal-għadd tal-persunal u għat-tnaqqis tan-nefqa amministrattiva.<br>Il-Kunsill ifakkar li l-Parlament Ewropew (PE) fil-baġit annwali għall-2022 kien diġà talab u kiseb 142 kariga addizzjonali għall-pjan ta' stabbiliment tiegħu kif ukoll 180 membru tal-persunal estern u f'dan ir-rigward ifakkar fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2021. Din is-sena, id-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-pjan ta' stabbiliment għall-2023 tal-PE jinkludu talba għal 52 kariga addizzjonali għall-pjan ta' stabbiliment u 116-il assistent parlamentari akkreditat addizzjonali.<br>Din it-talba saret fil-kuntest ta' rati għoljin ta' inflazzjoni, fejn ir-rispett għal-limitu massimu tal-intestatura 7 fl-2023 jinsab fil-periklu, u b'hekk jeħtieġ li l-istituzzjonijiet kollha jeżerċitaw kontroll fuqhom innifishom, f'konformità mal-obbligu li jikkonformaw mal-limiti massimi tan-nefqa annwali. F'dan il-kuntest, it-talba tal-PE tkompli żżid il-pressjoni fuq l-intestatura 7, filwaqt li tħalli f'idejn l-istituzzjonijiet l-oħra l-isforz biex iġorru l-piż li jikkontrollaw in-nefqa amministrattiva tagħhom.<br>Għalhekk, dan mhuwiex kompatibbli mal-obbligi tal-PE skont l-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-QFP u jmur kontra l-punti 129 u 130 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 u l-21 ta' Lulju 2020 dwar livell stabbli ta' persunal fl-istituzzjonijiet.<br>Filwaqt li jirrispetta r-raġunamenti fil-Ftehim bejn Ġentlomi, inkluż il-bilanċ istituzzjonali bejn il-PE u l-Kunsill u r-rispett tal-limiti massimi tal-QFP, il-Kunsill jappella lill-PE biex isegwi l-approċċ adottat mill-Kunsill u jiżgura rispett għal-limitu massimu tal-intestatura 7. Huwa jfakkar li l-Kunsill biħsiebu jirrispetta livell stabbli ta' persunal u japplika rata ogħla ta' tnaqqis (postijiet vakanti) fuq in-nefqa amministrattiva tiegħu.<br>Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill jesprimi r-riżervi qawwija tiegħu dwar id-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-pjan ta' stabbiliment għall-2023 tal-PE. Il-Kunsill ser jiffoka aktar fuq dawn l-elementi matul in-negozjati dwar il-baġit annwali tal-Unjoni għall-2023. | 11075/22 ADD1 REV1 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-8 ta' Settembru 2022** | **CM 4217/22** |
| Aċċess pubbliku għad-dokumenti – Applikazzjoni konfermatorja Nru 13/c/01/22 | 11693/22 |

| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-14 ta' Settembru 2022** | **CM 4363/22** |
|---|---|
| *Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna*<br>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530 tal-14 ta' Settembru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 239, 15.9.2022, p. 149–296 | 11346/22 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 tal-14 ta' Settembru 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 239, 15.9.2022, p. 1 | 11348/22 |
| Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 353I, 15.9.2022, p. 1 | 11349/22 |
| Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 353I, 15.9.2022, p. 3 | 11349/22 |
| Avviż għall-attenzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1530, u bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1529 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU C 353I, 15.9.2022, p. 5 | 11349/22 |